



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5257/19

COASI 3	CLIMA 22
ASIE 4	ENV 51
CFSP/PESC 39	ENER 21
CSDP/PSDC 25	CYBER 14
RELEX 40	DIGIT 11
COHOM 9	DEVGEN 9
WTO 21	COMPET 47
TRANS 34	FIN 52

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 5195/19 + 5424/19

Suġġett: Relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Jannar 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN, kif adottati mill-Kunsill fit-3668 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Jannar 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet UE-ASEAN

1. Il-Kunsill jilqa' l-eżitu tal-Laqqha tal-Mexxejja tal-UE u l-ASEAN fi Brussell fid-19 ta' Ottubru 2018. L-Unjoni Ewropea għandha interess strateġiku ġenwin fit-tisħiħ tar-relazzjoni tagħha mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN). Il-Kunsill huwa determinat li japprofondixxi r-relazzjonijiet fl-2019 u jissottolinja l-appoġġ tiegħu għall-integrazzjoni reġjonali tal-ASEAN.
2. Il-Kunsill jistenna b'interess it-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN għal sħubija strateġika meta dan jintlaħaq qbil dwaru b'mod reċiproku. L-UE u l-ASEAN huma marbutin flimkien permezz ta' interessi komuni fit-tisħiħ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u f'multilateraliżmu effettiv. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni ta' rabtiet kummerċjali u ta' investiment eqreb mal-ASEAN. Filwaqt li jfakkar fl-impenn tiegħu għall-kooperazzjoni msaħħa għas-sigurtà fl-Asja u magħha, itenni wkoll l-offerta tiegħu li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali f'fora marbuta mal-politika u s-sigurtà/difiża mmexxija mill-ASEAN, inkluż il-Forum Reġjonali tal-ASEAN, is-Summit tal-Asja tal-Lvant u l-Laqqha tal-Ministri għad-Difiża tal-ASEAN Plus. Huwa determinat li jmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku dwar il-konnettività f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar il-konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja. Kemm l-UE kif ukoll l-ASEAN iridu jaħdmu flimkien biex imexxu r-relazzjoni lejn il-livell strateġiku bil-ħsieb li jippromwovu l-interessi komuni qawwija tagħna.
3. Għaldaqstant, illum il-Kunsill jistenna b'interess is-suċċess tal-Laqqha Ministerjali UE-ASEAN b'aġenda ambizzjuża, inkluż it-tisħiħ tar-relazzjonijiet reċiproċi tagħna, il-promozzjoni tal-konnettività UE-ASEAN, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni politika u ta' sigurtà, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-ambjent, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u diskussjoni kostruttiva tal-isfidi ewlenin li qed jiffaċċaw l-Ewropa, ix-Xlokk tal-Asja u d-dinja.